**1 ta' Ottubru, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Monsinjur Paolo Pace bħala Rettur tal-Knisja ta' l-Erwieħ tal-Belt Valletta

*versus*

L-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari u l-Kummissarju ta' l-Artijiet

**Rikors – Drittijiet Fundamentali – Ksur – Risposta – Terminu**

*Il-Qorti għandha d-dritt meta tiffissa rikors dwar ksur ta' drittijiet fundamentali għas-smigħ, li timponi terminu lill-intimati f'liema għandhom jirrispondu.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha ta' l-10 ta' Marzu, 1986, li bih il-Wisq Reverndu Monsinjur Paolo Pace fil-kwalità tiegħu fuq indikata – wara li ppremetta illi fil-kwalità *tiegħu premessa huwa* l-inkwilin tal-fond 151, *Flat* 2A, Saint Paul's Street, il-Belt Valletta; illi l-inkwilinat ta' l-istess fond dejjem kien f'idejn min, minn żmien għal żmien, kien jokkupa l-kariga ta' Rettur tal-Knisja fuq indikata; illi fis-17 ta' Diċembru, 1985, l-esponent irċieva ordni ta' rekwiżizzjoni Numru 46157 (Dok. A) mis-Segretarju tad-Djar, li bih ġie ordnat illi jitlaq mill-fond minnu okkupat minnufih, u jikkonsenja ċ-ċwievet ta' l-istess fond lid-Dipartiment tad-Djar; illi fit-23 ta' Diċembru, 1985, ġie esegwit ir-*requisition order* fuq imsemmi u tbiddlet is-serratura tal-bieb tal-fond *"de quo"; illi fis-26 ta'* Diċembru, 1985, il-fond mikri lill-esponent ġie ddekontrollat (Dok. B), u b'hekk l-effetti tar-*Requisition Order* fuq imsemmi ma baqgħux japplikaw għall-fond fuq imsemmi; illi *nonostante* dan, huwa ma tħalliex jirriprendi l-pussess tal-fond *"de quo"*, u kien kostrett illi jibda proċedura kontra s-Segretarju tad-Djar konsistenti fi:

a. mandat ta' inibizzjoni Numru 73/86VBC li ġie milqugħ provviżorjament fil-21 ta' Jannar, 1986, sabiex is-Segretarju tad-Djar ma jħalli lil ħadd jidħol fil-fond, u;

b. kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit. Nru. 75/86F) sabiex l-esponent jirriprendi l-pussess ta' l-imsemmi fond; illi

waqt illi dawn il-proċeduri kienu pendenti, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Djar, fis-seduta parlamentari tal-11 ta' Frar, 1986, wiegħed illi l-Gvern kien sejjer jakkwista l-*"possession and use"* tal-fond mikri lill-esponent *nomine,* taħt il-*Land Acquisition (Public Purpose) Ordinance, 1935,* (Kapitolu 136); illi kif jirriżulta mill-annessa stqarrija għall-istampa maħruġa mit-Taqsima tat-Tagħrif ta' Kastilja (Dok. Ċ) ġie mħabbar illi l-Gvern kien akkwista l-*"possession and use"* tal-fond in kwistjoni, u illi l-Aġent President tar-Repubblika fis-17 ta' Frar, 1986, kien iffisa s-solita Dikjarazzjoni (Dok. D), u illi dan kollu kien qed isir (a) sabiex jiġi akkomodat fil-fond in kwistjoni, ċertu Carmelo Sammut, illi ġà għandu *flat* fl-istess pjan tal-*flat* okkupat mill-esponent *nomine;* u (b) "sabiex ħadd ma jinganna lill-Gvern" – ħaġa din illi l-esponent qatt ma għamel; illi l-intimati huma direttament responsabbli skond il-liġi għat-teħid mill-Gvern tal-*"possession and use"* tal-fond in kwistjoni; illi l-aġir ta' l-intimati kien arbitrarju u abusiv għaliex, fost affarijiet oħra, jammonta għal att purament vendikattiv, huwa att 'il bogħod ħafna mill-utilità jew l-interess pubbliku, indħil ċar biex jirrendi ineffettivi proċeduri legali ġà pendenti, kif ukoll att palesament intiż biex, filwaqt illi jsir "pjaċir" lil xi ħadd, l-esponent *nomine* jiġi mċaħħad mill-użu tal-*flat* in kwistjoni, tant meħtieġ għalih fil-qadi tad-doveri spiritwali tiegħu bħala Rettur tal-Knisja fuq indikata; *illi dan l-aġir ta' l-intimati jmur kontra* l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi jiggarantixxi lill-esponent *nomine* d-dritt illi ma jiġix assoġġettat għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu illi *di più,* meħuda in konsiderazzjoni l-fatti u ċirkostanzi kollha tal-każ, (a) l-aġir ta' l-intimati ma sarx taħt l-awtorità ta' xi liġi li taqa' taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u (b) fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-istess aġir ta' l-intimati ma hux raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà *demokratika, kif rikjest mill-istess artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni;*

għaldaqstant talab, fil-waqt illi jagħmel referenza għad-digriet ta' dika l-Onorabbli Qorti ta' l-4 ta' Marzu, 1986, li bih ġie deċiż illi l-esponent *nomine* għandu "*prima facie*" l-jeddijiet kif fuq esposti, li dik il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-aġir ta' l-intimati in kwantu ddeċidew illi jieħdu l-"*possession and use*" tal-fond iddekontrollat 151 *Flat* 2A, Saint Paul's Street, il-Belt Valletta, jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponent *nomine* garantiti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

2. Tordna lill-intimati sabiex minnufih, permezz tal-miżuri neċessarji, jagħtu lura l-pussess u ċ-ċwievet tal-fond in kwistjoni lill-esponent *nomine;*

3. Fin-nuqqas, l-istess esponent *nomine* jiġi awtorizzat sabiex, a spejjeż ta' l-intimati, jirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni;

4. Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponent *nomine;*

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni Numru 265/86, iddegretat fl-4 ta' Marzu, 1986, kontra l-konvenuti;

Rat ir-risposta ppreżentata fit-12 ta' Marzu, 1986, li fiha l-intimati Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Barranin Parlamentari u l-Kummissarju ta' l-Artijiet qalu:

1. Jiġi qabel xejn illi l-Avviż Legali Nru. 48 ta' l-1964

ma jistipulax żmien għar-rispota f'kawża Kostituzzjonali, anzi l-anqas jirrikjedi risposta bil-miktub da parti ta' l-intimat u d-digriet ta' dika l-Qorti li ffissa terminu għar-risposta jillimita d-drittijiet ta' l-intimati;

2. Illi preliminarjament l-esponenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-Ġudizzju *stante* li huma m'humiex il-leġittimi kontradditturi billi l-esproprju sar mill-President tar-Repubblika u huma lanqas għandhom il-pussess tal-fond in kwistjoni;

3. Illi r-rikorrent ma għandux *locus standi judici* għax meta intavola dawn il-proċeduri huwa ma kellux il-pussess tal-fond minħabba *Requisition Order* u li, l-*Housing Secretary in vista* tagħha ħa l-pussess tal-fond;

4. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti jirrigwardaw Dikasteru ieħor billi l-istess *Housing Secretary* jaqa' taħt Ministeru ieħor u għalhekk l-intimati ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dan l-aġir u l-fatti hemm indikati huma *res inter alios acta;*

5. Illi fil-mertu l-esproprju sar taħt l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 136) liema liġi tinsab salvagwardata taħt l-artikolu 38 u 48(9) tal-Kostituzzjoni u għalhekk ma hemm l-ebda vjolazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-bniedem senjatament l-artikolu 39;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha mogħtija fil-21 ta' Mejju, 1986, li biha dik il-Qorti ddisponiet mill-inċident kif jinsab verbalizzat fis-17

*ta' Marzu, 1986, billi:*

1. Iddikjarat illi fl-ewwel talba magħmula fir-rikors imsemmi fis-sentenza ma hemmx kompriża talba sabiex jiġu ddikjarati invalidi, għaliex imorru kontra l-Kostituzzjoni, l-atti kollha li segwew id-deċiżjoni ta' l-intimati nkluża d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u konsegwentement;

*2. Astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri dwar l-*eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ssollevata mill-intimati u ordnat li s-smigħ tal-kawża jissokta skond il-liġi, spejjeż riservati għall-ġudizzju finali wara li kkunsidrat:

Dwar l-ewwel punt issollevat fir-risposta ta' l-intimat;

Illi l-proċeduri quddiem dina l-Qorti fis-Sede Tagħha *Kostituzzjonali huma rregolati bir-Regolamenti tal-Qorti ta'* l-1964 dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali u bid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li l-istess Regolamenti jagħmlu applikabbli;

Issa, bis-saħħa tar-Regolamenti, rikors ta' dina x-xorta għandu jitqiegħed għas-smigħ fi kwalunkwe ġurnata li ma tkunx aktar tard minn tmint ijiem tax-xogħol minn dik li fiha jkun ġie ppreżentat ir-rikors; u għalhekk il-Qorti *tista'* tordna *li l-kawża* tiġi mqiegħda għas-smigħ anke immedjatament wara l-preżentata ta' l-istess rikors. Dana s-smigħ ovvjament isir sabiex kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat ikollha l-opportunità li dak li għandhom jgħidu fuq il-każ jgħiduh;

Mela taħt dana l-aspett, għal dik li hija opportunità li l-intimat jagħmel il-każ tiegħu kif għandu jkun, ebda preġudizzju

ma jista' jitqies li ġie lilu kkawżat **bil-fatt biss** illi l-ġurnata ddestinata għas-smigħ tal-kawża tkun waħda viċina għal dik tal-preżentata tar-rikors; kull ma hemm bżonn huwa li l-intimat ikollu żmien adegwat sabiex fih jipprepara ruħu għall-każ tiegħu. Fil-każ tar-rikors li jifforma l-mertu tal-kawża tallum, għandu jiġi osservat illi l-Qorti ordnat li s-smigħ tiegħu jsir sebat ijiem wara l-ġurnata tal-preżentata tar-rikors, u fl-istess waqt il-Qorti akkordat lill-intimati erbat ijiem żmien għar-risposta tagħhom (risposta li ġiet ippreżentata fi żmien jumejn);

Il-Qorti dana għamlitu bis-saħħa ta' l-awtorità li jagħtuha l-liġijiet rigwardanti l-proċedura li jafdaw lilha bit-treġġija tal-kawża u bir-regolament tal-provi. Ma hemmx għalfejn jingħad illi l-Qorti trid tara li l-kawża tkun stradata sewwa qabel id-dibattitu orali u li kull parti tkun taf bil-każ ta' l-oħra fi żmien utili għaliex b'hekk ikun jista' jsir dibattitu sħiħ u eżawrjenti fuq materja ta' importanza bħal dik tallum u f'każijiet fejn l-intimati, fil-maġġor parti tagħhom, ikunu xi ħadd li jokkupa kariga pubblika jew xi awtorità pubblika li jkunu ġew kostretti li jiddefendu l-kostituzzjonalità ta' l-aġir tagħhom – difiża li mistennija ssir, u dejjem saret fil-prattika forensi, bil-miktub qabel ma ssir bil-kliem;

X'hemm allura f'dan id-digriet tal-Qorti li llimita d-drittijiet ta' l-intimat? Forsi ma għandhiex il-Qorti setgħa u dmir li tagħti dawk id-direttivi kollha u tagħmel dawk l-ordnijiet li jkunu meħtieġa sabiex jinkiseb fi żmien raġonevoli u utili, bil-miktub jew xort'oħra, tagħrif sħiħ dwar il-punti kollha in kontestazzjoni jew sabiex jitħaffef is-smigħ ta' kawżi bħal dawn, ta' natura fihom infushom urġenti?

Għalhekk il-Qorti ma għandhiex tagħti konsiderazzjoni

ulterjuri għall-ilment ta' l-intimati u m'hi sejra tagħmel ebda provvediment ieħor għajr li tiddikjara illi l-asserzjoni ta' l-intimati illi d-digriet li ffissa terminu għar-risposta jillimita d-drittijiet tagħhom infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi, kif jidher mill-verbal tas-17 ta' Marzu, 1986, ir-rikorrent isostni illi fl-ewwel talba tar-rikors sabiex jiġi ddikjarat minn dina l-Qorti illi l-aġir ta' l-intimati tal-fond in kwistjoni – li huwa fond iddekontrollat – jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali garantiti għar-rikorrent bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (protezzjoni għall-intimità tad-dar u proprjetà oħra), hemm kompriża t-talba illi għandhom jiġu ddikjarati li jmorru kontra l-Kostituzzjoni u għalhekk invalidi, l-atti kollha li segwew dik id-deċiżjoni, fosthom l-istess dikjarazzjoni tal-President ta' Malta magħmula bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi;

Ir-rikorrent kompla jirreġistra s-sinifikat ta' dina l-allegazzjoni bil-kliem li ġej u ċjoè:

"Għar-rigward tad-deċiżjoni tal-President dina l-invalidità toħroġ biss mill-fatt illi l-President tar-Repubblika hu marbut bil-Kostituzzjoni li jaġixxi fuq il-parir tal-Ministru intimat";

L-intimati jirreġistraw l-opposizzjoni tagħhom għal dina l-pretiża tar-rikorrent bil-kliem li ġej:

"Bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġà mogħtija (jiġi sottomess) li l-verbal tal-kontroparti qiegħed jattakka l-validità tad-dikjarazzjoni tal-President u għalhekk f'dan il-każ din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni u dan senjatament għal dak dispost

fl-artikolu 86 sub-artikolu (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta'';

Il-Qorti ddifferiet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-karenza ta' ġurisdizzjoni;

Illi jeħtieġ qabel kollox illi l-problema jitqiegħed fid-dimensjoni tiegħu partikolari;

M'huwiex qiegħed b'ebda mod jiġi allegat illi l-President ta' Malta aġixxa mingħajr ma kien irċieva l-parir tal-Ministru li taħt id-dikasteru tiegħu jerġa' d-Dipartiment tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, jew inkella li huwa meta aġixxa, ma għamilx hekk skond dana l-parir. Għalhekk, jekk kemm-il darba l-Qorti tiġi biex b'xi mod tasal li tindaga dwar il-kostituzzjonalità ta' l-att tal-President li bih *in forza* tiegħu qiegħed jiġi allegat il-ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, il-fatturi li jinfluwenzaw u jolqtu l-vertenza jridu jinstabu, dejjem jekk indaġini bħal dina tista' ssir ġudizzjarjament, f'oqsma oħra u mhux f'dawk invokati mill-intimati. Fi kliem ieħor, l-indaġini li l-intimati qegħdin jifhmu li għandha ssir dwar l-aġir tal-President ta' Malta, proprjament ma għandha għalfejn issir xejn u l-istess rikorrent jirrikonoxxi u jasserixxi illi huwa mhux qiegħed jattakka l-aġir tal-President ta' Malta fuq il-bażi li gratuwitament qegħdin ipoġġulu fis-sottomissjonijiet tiegħu l-intimati;

Fuq dana għalhekk it-teżi ta' l-intimati għandha tiġi skartata; l-indaġini li huma jidhrilhom li għandha ssir hija superfluwa għall-kompitu tal-Qorti;

Mill-banda l-oħra l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrent, kif verbalizzati fuq, fis-sens illi t-talba konvenuta fir-rikors intrinsikament tikkontjeni talba biex

jiġu ddikjarati bħala lesivi tad-disposizzjoni *de qua* tal-Kostituzzjoni dawk l-atti ta' l-Esekuttiv kollha li saru wara dik l-imsejħa "deċiżjoni" tagħhom li għandu jittieħed "l-użu u l-pussess" tal-fond taħt il-Kapitolu 136 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluża fost dawn l-atti d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta taħt dik il-liġi;

It-talba hija dik li hi u l-portata u sinjifikat tagħha joħorġu ċari biżżejjed mill-kliem stess li uża r-rikorrent meta għamilha; ma hemm xejn li nħeba minnu jew inkella li qiegħed f'dik it-talba li jmur aktar 'il bogħod mis-sinjifikat tal-kliem tiegħu; huwa talab li "dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi l-aġir ta' l-intimati in kwantu ddeċidew li jieħu l-"*possession and use*" tal-fond iddekontrollat Numru 151, *Flat* 2A, Saint Paul's Street, il-Belt Valletta, jammonta għal vjolazzjonijiet fundamentali ta' l-esponent *nomine* garantiti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni". M'huwiex qiegħed jitlob, ir-rikorrent, illi dina l-Qorti tiddikjara invalidu **l-att stess tat-teħid** iżda **l-aġir ta' l-intimati** in kwantu ddeċidew illi jieħu l-"*possession and use*". Il-kontradistinzjoni bejn dawn iż-żewġ atti torħoġ iżjed spikkanti, imbagħad min-nota ta' l-osservazzjonijiet ippreżentata mir-rikorrent. F'dik in-nota huwa jgħid: fost ħwejjeġ oħra, kif ġej: "Qiegħed (ir-rikorrent) jikkontesta l-kostituzzjonalità tal-parir innifsu peress illi dana jmur kontra l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jiggarantilu d-dritt li ħadd ma jista' jidħol fil-fond ta' l-esponent. Huwa l-parir innifsu li qiegħed jiġi kkontestat. Dana l-parir ingħata mill-Ministru intimat, għax hekk titlob il-Kostituzzjoni, u għax mill-istqarrija **li ħareġ il-Gvern stess**, toħroġ ċara l-intenzjoni tal-Gvern li jesproprija l-fond in kwistjoni". Dina hija stqarrija li saret **qabel** ma daħal in funzjoni l-President ta' Malta;

Il-Qorti hawnhekk m'hijiex u ma għandhiex iżżomm ir-

rikorrent marbut strettament b'dak li kiteb u b'hekk tipprekludih – għal konsiderazzjoni li forsi tista' titqies purament legalistika u ta' ċerta artifiċjalità akkademika – milli jieħu, jekk ħaqqu sostanzjalment, it-twettiq li l-Kostituzzjoni tipprovdilu bħala protezzjoni għad-dritt lilu garantit u li, allegatament ġie vvjolat. Ħaġa bħal din tmur kontra l-istess spirtu tal-Kostituzzjoni u tar-Regolamenti li ħarġu taħt l-artikolu 47 tagħha (Ara artikolu 47(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; Regolament 3(2)(3) ta' l-A.L. 48 ta' l-1964 u Regolament 5 ta' l-A.L. 49 ta' l-1964). Talbiet għar-rimedji bħal dawna ma għandhomx kemm jista' jkun jiġu inċampati bl-ostakoli ta' polemika fuq proċedura; u din il-Qorti, meta qiegħda tistabbilixxi x'inhi l-vera essenza ta' din l-ewwel talba tar-rikorrent, dan qiegħda tagħmlu sabiex tara u tistudja – dejjem jekk eventwalment tasal biex tilqa' dina l-ewwel talba tar-rikorrent kif ikkonċepita – hijiex miftuħa għaliha t-triq li tagħmel dawk l-ordnijiet u tagħti dawk id-direttivi li bihom imbagħad titwettaq id-disposizzjoni ta' l-imsemmi artikolu 39 *di fronte* għall-istess rikorrent;

U f'dan il-każ il-Qorti hja tal-fehma illi dawk il-miżuri kollha rimedjali li jistgħu jittieħdu kif huwa pprovdut fl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni dina l-Qorti tkun tista' teħodhom kemm jekk l-ewwel talba titqies li tikkomprendi u tinvolvi dak kollu li jgħid li fiha r-rikorrent kemm jekk le;

L-indaġini u pronunzjament dwar il-kostituzzjonalità ta' l-aġir tal-President ta' Malta ma għandhiex issir mhux biss għaliex it-talba kif ifformulata ma tikkomprendix talba għal indaġini u pronunzjament simili imma anke għaliex, sabiex ir-rikorrent jieħu l-protezzjoni kollha u r-rimedji li tagħtih il-Kostituzzjoni fil-każ li jiġi deċiż illi d-disposizzjonijiet ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ġew miksura fil-konfront tiegħu, m'huwiex

neċessarju u rikjest illi l-indaġini u l-pronunzjament li ssemmew isiru;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari u tal-Kummissarju ta' l-Artijiet ippreżentat fid-29 ta' Mejju, 1986, li bih għar-raġunijiet hemm sottomessi talbu li din il-Qorti tirriforma l-imsemmija deċiżjoni billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti ddisponiet mill-inċident tas-17 ta' Marzu, 1986 billi ddikjarat illi fl-ewwel talba magħmula fir-rikors ma hemmx kompriża talba sabiex jiġu ddikjarati invalidi għaliex imorru kontra l-Kostituzzjoni, l-atti kollha li segwew id-deċiżjoni ta' l-appellanti nkluża d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u 2) konsegwentement astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni u billi tirrevokaha inkwantu li l-istess Qorti ddikjarat illi l-asserzjoni ta' l-appellanti illi d-digriet li ffissa terminu għar-risposta jillimita d-drittijiet ta' l-appellanti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u minflok tiddikjara li d-digriet li ffissa terminu għar-risposta fil-fatt illimita d-drittijiet ta' l-appellanti bl-ispejjeż kontra l-intimat appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat *nomine* ppreżentata fid-9 ta' Ġunju, 1986;

Rat l-atti rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tad-deċiżjoni appellata jirriżulta li l-ewwel Qorti bdiet biex teżamina l-imsemmi punt issollevat fir-risposta ta' l-intimati u kkonkludiet dwar dan il-punt billi qalet illi "Għalhekk il-Qorti *ma għandhiex tagħti konsiderazzjoni ulterjuri għall-*

ilment ta' l-intimati u mhix sejra tagħmel ebda provvediment ieħor għajr li tiddikjara illi l-asserzjoni ta' l-intimati illi d-digriet li ffissa terminu għar-risposta jillimita d-drittijiet tagħhom infondata fil-fatt u fid-dritt'';

Id-deċiżjoni mbagħad għaddiet biex tikkunsidrat diversi punti oħra ssollevati mill-kontendenti u spiċċat biex tikkonkludi, dejjem fl-istess deċiżjoni, illi l-Qorti tiddisponi mill-inċident kif jinsab verbalizzat fis-17 ta' Marzu, 1986, billi:

1. Tiddikjara li fl-ewwel talba magħmula fir-rikors imsemmi fuq (ċjoè r-rikors promotorju tal-ġudizzju) ma hemmx kompriża talba sabiex jiġu ddikjarati invalidi, għaliex imorru kontra l-Kostituzzjoni, l-atti kollha li segwew id-deċiżjoni ta' l-intimati, inkluża d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u konsegwentement;

2. Tastjeni mill tieħu konjizzjoni ulterjuri dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ssollevata mill-intimata u tordna li s-smigħ tal-kawża jissokta skond il-liġi. Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali;

Huwa evidenti għalhekk li meta l-appellat qiegħed jissolleva l-imsemmija eċċezzjoni li l-appell preżenti sar *''fuori termine''*, huwa qiegħed jipprova jxindi l-imsemmija deċiżjoni billi qiegħed jissottometti li dik il-parti tad-deċiżjoni li tirrigwarda l-asserzjoni tiegħu fuq imsemmija dwar id-digriet fuq imsemmi tammonta għal digriet interlokutorju u jinjora kompletament il-kumplament ta' l-istess deċiżjoni li ddeċidiet punti oħra. Dan mhux leċitu li jsir (ara fl-istess sens sentenza reċenti tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża ''Maddalena Vella *proprio et nomine vs* Joseph Vella, 7 ta' Awissu, 1986). Deċiżjoni tal-Qorti tista' tammonta għal

digriet interlokutorju jew le iżda mhux leċitu li tgħid li parti minnha hija digriet interlokutorju u parti minnha le. Id-deċiżjoni trid tittieħed bħala *quid unum* biex tiġi ddeterminata n-natura tagħha;

*Ikkunsidrat:*

Kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna (Ara "Cuschieri *nomine vs* Zammit Bonett *et*, 17 ta' Ġunju, 1955, Kollez. Deċ. Vol. XXXIX.I.582; Vol. XXVIII.I.164 u Vol. XXXI.I.192) ....."*Invero il proprio e distintivo carattere della sentenza definitiva è quello per cui viene definita una quistione riguardante l'azione, il merito o la procedura, talmente che nessun altra sentenza sulla quistione definita può essere pronunziata su tale quistione*";

Għandhom imbagħad jidħlu taħt l-isem ta' digrieti interlokutorji "*le ordinanze della Corte preparatorie ed ordinatorie della lite, ossia i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa e la procedura che sogliono chiamarsi "preparatorie" e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio e che chiamarsi "ordinatorie"* ". (Ara Kollez. Deċ. Vol. XXXII.I.613; Vol. XXXIV.I.208 u Appell 27 ta' Mejju, 1946 *in re* Vassallo *vs* Bonello u 27 ta' Ġunju, 1949 *in re* Fenech *vs* Vella);

Issa fil-każ preżenti ma hemmx dubju li meta l-ewwel Qorti ddikjarat li fl-ewwel talba magħmula fir-rikors promotorju tal-ġudizzju ma hemmx kompriżi talba biex jiġu ddikjarati invalidi l-atti kollha li segwew id-deċiżjoni ta' l-intimati appellanti, inkluża d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni,

hija kienet qiegħda tiddefinixxi kwistjoni rigwardanti l-azzjoni, u ċjoè rigwardanti l-portata u estensjoni tagħha b'mod tali l-ebda deċiżjoni oħra dwar il-kwistjoni definita ma setgħet tiġi ppronunzjata mill-istess l-ewwel Qorti. Dik id-deċiżjoni ma kinitx tirrigwarda l-istruzzjoni tal-kawża jew il-proċedura jew il-provi. Kwindi l-imsemmija dikjarazzjoni u estensjoni ta' l-ewwel Qorti kienet tammonta għal sentenza definittiva u mhux digriet interlokutorju;

Kwantu mbagħad għal dik il-parti tad-deċiżjoni appellata li ddikjarat li l-asserzjoni ta' l-intimati illi d-digriet ta' l-ewwel Qorti li ffissa terminu għar-risposta jillimita d-drittijiet tagħhom hija infondata fil-fatt u fid-dritt, fil-fehma tal-Qorti, għandha ssir din id-distinzjoni; il-provvediment mogħti mill-ewwel Qorti fl-10 ta' Marzu, 1986, li bih ġie ffissat terminu għar-risposta ta' l-intimati appellanti huwa ċertament digriet li jirrigwarda l-istruzzjoni u proċedura tal-kawża iżda l-imsemmija deċiżjoni dwaru, u ċjoè li ma kienx jillimita d-drittjiet ta' l-intimati appellanti, kienet tammonta għal sentenza definittiva billi, għalkemm ġiet definita kwistjoni rigwardanti proċedura, din il-kwistjoni ġiet definita mill-ewwel Qorti talment li, fil-kliem tal-ġurisprudenza fuq iċċitata "*nessun altra sentenza sulla quistione definita può essere pronunziata dallo stesso tribunale dopo che si fosse pronunziato su tale questione*";

Il-Qorti għalhekk hi tal-fehma li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkunsidrata bħala sentenza u mhux digriet interlokutorju. Isegwi għalhekk li l-appell preżenti sar fit-terminu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-appellat *nomine* li l-appell magħmul mill-intimati *nomine* huwa *fuori termine* b'dan li l-ispejjeż relattivi, fiċ-ċirkostanzi,

jibqgħu bla taxxa. Il-Qorti tordna li s-smigħ tal-kawża tissokta skond il-liġi.